IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.8.2013
COM(2013) 575 final

2013/0276 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tat-talba biex tkun estiża id-deroga tad-WTO fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi addizzjonali mogħtija mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Moldova.

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-objettiv ta’ din il-proposta huwa li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Il-Kunsill huwa b’dan mitlub jawtorizza lill-Kummissjoni biex titlob l-estensjoni tad-deroga tad-WTO fuq preferenzi kummerċjali awtonomi mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-Moldova u b’hekk jippermetti lill-Unjoni Ewropea tissieħeb ma' kunsens dwar din it-talba għal deroga skont l-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO.

Fil-21 ta' Jannar 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova. B'dan ir-Regolament, l-UE wettqet l-impenn tagħha fil-kuntest tal-Pjan ta’ Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (il-Pjan ta’ Azzjoni tal-PEV) għall-Moldova. Il-Pjan, maqbul fl-2005, stieden lill-UE tikkunsidra li tagħti lill-Moldova aċċess imtejjeb għas-suq tal-UE li jsostni l-iżvilupp tal-ekonomija tal-Moldova permezz ta’ żieda fir-rendiment tal-esportazzjoni, sakemm il-Moldova ttejjeb sostanzjalment is-sistema tagħha tal-kontrolli u ċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini tal-merkanzija.

Sabiex l-UE tkun tista’ tipprovdi trattament preferenzjali għall-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova mingħajr ma tkun meħtieġa testendi l-istess trattament preferenzjali għal prodotti simili ta’ kwalunkwe membru ieħor tad-WTO, il-Kunsill Ġenerali tad-WTO ta deroga lill-Unjoni Ewropea biex tissospendi ċerti impenji, biex b’hekk ċerti impenji tad-WTO kienu sospiżi temporanjament sal-punt neċessarju biex jitwettaq l-objettiv imsemmi hawn fuq.

Fil-15 ta’ Mejju 2008, f'konformità mal-proċeduri tat-teħid ta’ deċiżjonijiet skont l-Artikoli IX u XII tal-Ftehim tad-WTO, il-Kunsill Ġenerali tad-WTO, fid-dokument WT/L/722, iddeċieda li jidderoga fuq id-dispożizzjonijet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu I u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XIII tal-GATT 1994 mill-1 ta’ Marzu 2008 sal-31 ta’ Diċembru 2013 sal-punt neċessarju sabiex jippermetti lill-Unjoni Ewropea tagħti trattament bla dazju jew preferenzjali għall-prodotti li joriġinaw fil-Moldova, inklużi ċerti prodotti agrikoli li għalihom jingħataw konċessjonijiet limitati kif definit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, mingħajr il-ħtieġa li testendi l-istess trattament bla dazju jew preferenzjali għal prodotti simili ta’ xi membru ieħor tad-WTO.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 ġie emendat mir-Regolament (UE) Nru 581/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jestendi l-applikazzjoni tal-preferenzi kummerċjali awtonomi mogħtija lir-Repubblika tal-Moldova sal-31 ta’ Diċembru 2015. Estensjoni bħal din kienet neċessarja minħabba li għadha ma ġietx effettivament stabbilita relazzjoni avvanzata ta' kummerċ preferenzjali bejn l-UE u l-Moldova fil-kuntest tas-Sħubija Ewropea. Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, il-Kummissjoni qed titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill sabiex, f’isem l-Unjoni Ewropea, tippreżenta lid-WTO talba biex testendi d-deroga attwali sal-31 ta’ Diċembru 2015.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li meta jkun meħtieġ li tittieħed deċiżjoni li jkollha effett ġuridiku f'entità li ġiet stabbilita permezz ta’ ftehim internazzjonali, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni. L-għoti ta' deroga fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi addizzjonali mogħtija mill-Unjoni Ewropea

lir-Repubblika tal-Moldova jaqa' taħt din id-dispożizzjoni billi d-deċiżjoni hija meħuda f'entità stabbilita minn ftehim internazzjonali (il-Kunsill Ġenerali tad-WTO jew il-Konferenza Ministerjali) li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-UE.

2013/0276 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tat-talba biex tkun estiża id-deroga tad-WTO fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi addizzjonali mogħtija mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Moldova.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") jistipula l-proċeduri għall-għoti ta' derogi li jikkonċernaw il-Ftehimiet Kummerċjali Multilaterali fl-Annessi 1A jew 1B jew 1C tal-Ftehim tad-WTO u l-annessi tagħhom.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 tal-21 ta' Jannar 2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova[1] kien emendat mir-Regolament (UE) Nru 581/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *inter alia* biex ikunu estiżi l-preferenzi kummerċjali awtonomi mogħtija lir-Repubblika tal-Moldova sal-31 ta' Diċembru 2015[2]. Ir-Regolament jipprovdi aċċess liberu għas-swieq tal-Unjoni għall-prodotti kollha li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova, ħlief għal ċerti prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tar-Regolament. Il-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament jibbenefikaw minn konċessjonijiet limitati fil-forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali fil-limitu tal-kwoti tariffarji jew tat-tnaqqis tad-dazji doganali.

(3) Fin-nuqqas ta' deroga mill-obbligi tal-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT 1994) u l-Artikolu XIII GATT 1994, sa fejn hu possibbli, ikun meħtieġ li t-trattament ipprovdut mill-preferenzi kummerċjali awtonomi jiġi estiż għall-Membri l-oħra kollha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

(4) Huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea li titlob l-estensjoni tad-deroga tad-WTO fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi mogħtija mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Moldova skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(5) L-Unjoni Ewropea se tippreżenta tali talba lid-WTO. Il-Kunsill Ġenerali tad-WTO għandu jiddelibera fid-9 ta' Ottubru 2013.

(6) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar din it-talba,

---

[1] ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.
[2] ĠU L 165, 24.6.2011, p. 5.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ hija li titlob għall-estensjoni tad-deroga tad-WTO fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi mogħtija mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Moldova sal-31 ta' Diċembru 2015.

Din il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President